# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.


ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*


**105.** **3 ta' SETTEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**


## FTEHIM.

Hadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jew b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas tal gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.

# IT-TIELET SENA

*Lascia dir le genti;*
*Sta come torre ferma che non crolla*
*Giammai la cima per soffiar di venti,*
DANTE.

B'IL għajnuna t' Alla u ta'l ħbieb tagħna in-«Naħla», b'dana in-numru, daħlet f'it-TIELET SENA ta'l ħajja tagħha b'ir-riħ f'il kala. Għad li f'daŭna is-sentejn li għaddeŭ ridna niccumbattu ma ħafna tfix-chil cbir, għad li l-egħdeŭŭa għamlu cull ma' setgħu biex jekîrduha, iżda bħal xitla b'saħħitha bakgħet issaħħaħ iz-zocc tagħha u tarmi il frieghi u tidħak b'it-tvenvin ta'l irŭiefen li jitmasħnu ma' dŭarha.

Bħal ma għamilt s'issa bi ħsiebi li nibka inħabbel rasi biex nimliha bi ħŭejjeġ ta' fejda u ta' ħtieġa għal gid ta'l poplu, u allavc[...]a chiecu irrid niccuntenta il cullħadd cont incattar iżjed il għad[...] ta'l imsieħbin, nibka bħal kabel li ma inħallix in-«Naħla» tagħmilha ta' sputatur ta'l personalità ta' ħadd u f'loc li nimli[...] b'ħafna duħħan ta't-tiben nibka nistinca biex b'il mod tcun ri[...]sta serja u sabiħa li tgħallem chif għandu bżonn cbir il popl[u].

F'dic li hi politica infittex dejjem bħal kabel li nitchellem fuk qŭestjonijiet generali li jcunu ta' gid għal cullħadd bla ma nokgħod, ħaġa li ftit saret, naħli ŭisa għal glied u għal pole-michi, u fuk collox nibka miexi bl-istess indipendenza li imxejt biha s'issa bla ma inservi l-ebda partit u billi inħares lejn dac li għalija jcun tasseŭ ta' gid ta'l poplu. U billi in-«Naħla» ma hi marbuta ma' ħadd xejn ma tħabbel rasha jecc illum ticteb contra Tizju u għada favur tiegħu għaliex cull meta ctibna katt ma ħarisna lejn ŭiċċ il bniedem iżda lejn il għamil tiegħu, u meta rajna li dana tbiddel f'gid jeŭ f'deni ta'l poplu, faħħarna jeŭ makdarna il għamil tiegħu billi cull bniedem f'għamilu jista jcollu it-tajjeb u il ħażin, u jista jagħmel gid b'ħaġa li jicteb illum bħal ma sata jagħmel deni b'dac li chiteb il bieraħ. Mela għa't-tielet sena li dħalna fiha bi ħsiebi nimxi b'dana il programm: li incompli nati bħal ma għamilt s'issa il cullħadd dac li ħakku bla personalità baxxa u bla tgħajjir u li dejjem inħares lejn l-għamil u m'hux lejn il bniedem; u li malli nara li tkarrakt minnufih indaŭŭar it-tmun ħalli il gid ta'l pajjis ma jġarrabx ħsara għal cburija ta'l fehmiet tiegħi.

Ma daŭc il ħŭejjeġ collha ta' fejda li bdejna fl-eŭŭel sentejn u li kiegħdin jagħmlu gid bla tarf fost il poplu billi kiegħdin ijdarruh il kari serju u ta' fejda u billi b'il mod il mod kiegħdin indaħħlulu ħafna xjenza u tagħlim li katt ma chien sama bihom b'il malti, bi ħsiebi inżid ftit tagħlim fuk il-LIGIJIET TAGĦNA ħalli il poplu jcun jaf aħjar jakbeż għal dac li hu ħakku u jsir cittadin actar b'il għakal billi jif-hem aħjar liema huma id-drittijiet u id-dmirijiet tiegħu.

Bi ħsiebi ucoll nibda ingib actar spiss xi ħaġa fuk il causi l-actar importanti ta'l KRATI tagħna u xi TLAKKIT MALTI li jcun fih ħafna ħŭejjeġ interessanti ta'l Istorja glorjusa tagħna.

Għal dina is-sena li gejja bosta soċjetajjiet ŭiegħduni li għandhom jistampaŭ l-eluf ta' copji ta'n-«Naħla» bħal ma f'is-

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil G. P.** (Il Belt.)

Scond l-Ordinanza Tlieta ta'l 1904 l-ebda bejjiegħ il ħobż ma jista jirrofta li jbiegħlec il ħobż b'il pis u bi prezz iccalculat fuk dana il pis, per esempju b'it-tliet soldi cull ratal; u jecc ma jridx ijbiegħlec tista tirrappurtah lill Pulizija li tħarrcu u jista jeħel sa ħames liri jeŭ detenzjoni b'it-tmintax irbigħi cull jum. Mela jecc il bejjigħa ta'l ħobż ijfettlilhom li jagħmlu *strike* biex ma jbigħux ħobż ma jistgħux għaliex collha jiġu iccundannati scond il-Ligi. (Art: 37). Scond l-istess Ligi (72) ħadd ma jista jonfoħ it-tjur taħt il gilda biex jidru smien ħalli meta jbiegħhom ijdaħħal flus tagħhom actar; u dina hi ligi seŭŭa m'hux biss għaliex il-Ligi ma tridx il kerk ta' ħadd; izda ucoll għaliex ma dac in-nifs li jintafa taħt il-gilda ŭieħed li jcun marid b'sidru jista jitfa ħafna microbi ta't-tisi taħt il gilda jeŭ ta' xi mardijiet oħra. Lankas ma jista jħalli il daŭna it-tjur jixxarrbu fl-ilma biex ŭieħed ma jintebaħx li bdeŭ ijrejjħu. Scond l-articolu 100 ta'l istess Ordinanza jecc il ġobon ijcun fih id-dud jeŭ imħassar ŭisk ma jistgħux ijbigħuh; u scond l-art: 105 ħadd ma jista jbiegħ zoccor jeŭ ħŭejjeġ ta'l ħelu li jcunu daħħlu fihom is-saccarina li hi ħażina għa's-saħħa. Scond l-art: 106 ħadd ma jista jbiegħ taħt l-isem ta' cafè. cafè imħallat b'iċ-ċicŭejra jeŭ bi ħŭejjeġ oħra jeŭ imħallat b'il fond ta' cafè ġa mgħolli. Lankas ħadd ma jista jbiegħ tè ġa mgħolli (106); u meta tixorbu *grog* jeŭ tixtru spirti ankas minn flixcun jecc dac li jaticom ijcun imħallat bl-ilma jeŭ ma jcunx pur u genŭin u ma jgħarrafcomx kabel tixorbuh tistgħu tirrapportaŭh lill Pulizija u jeħel (114). Jecc ma'l *gażużi* f'loc zoccor jagħmlu il għasel jeŭ il glicerina għa't-togħma ħelŭa jeħlu (123) u ŭisk actar jecc jagħmlu is-saccarina. Min ijbiegħ patata b'in-nibbieta jeŭ b'il ġlata jeħel (127) ucoll.

**Lil C. M.** (Il Furjana.)

ĦADD ĦLIEF IL GVERN MA JISTA JIFTAĦ SUK; u meta jmut xi ħadd li chellu sensja ta' ħanut il ŭerrieta tiegħu, jeŭ l-amministratur jecc ijcun iġġennen jeŭ falla, jistgħu jcomplu jmixxu il ħanut basta li sa żmien xahar minn mindu jcunu ħaduh huma jgħarrfu b'dana l'is-Sanità biex tcun tal il ħanut taħt isem min hu miexi. Dana jgħodd sa chemm ijcollha isservi is-senjsa.

**Lil G. S.** (Il Belt.)

Iva il għaref xjenzjat, il PROFESSUR PAOLO MANTEGAZZA chiteb bosta cotba morali ħafna ucoll; fosthom «IL BENE ED IL MALE» li jinsab imdaħħal fl-ischejjel ta'l Italja billi chien ħa il PREMJU RAVIZZA igifieri dac il premju li chien ħalla certu sacerdot għaref Ravizza għal min jicteb l-actar ctieb morali għal l-ischejjel. Chiteb ucoll it-«TESTA» li hu imxerred ? idejn iż-żgħazagħ m'il genituri u is-surmastrijiet stess billi hu il cumplament ta'l «*Cuore*,» il famus ctieb ta'd-De Amicis. Liema ctieb jista jcun actar morali minn dac li chiteb Mantegazza fuk ommu: LA MIA MAMMA? U x'importa billi l-autur ijcollu xi cotba projbiti jecc ma jixxandarx il ħażin iżda it-tajjeb tagħhom. Forsi ma haŭnx fl-ischejjel collha edizzjonijiet *purgati* ta' ħafna auturi projbitiu li biċċa minn daŭna l-edizzjonijiet huma magħmula minn sacerdoti stess? Akraŭ il catalogu ta's-Salesjani biex taraŭ chemm hemm auturi *purgati* li l-originali tagħhom huma ipprojbiti. Mela l-isem ta'l aŭtur ma jfisser xejn; ijgħodd biss jecc dac li jittieħed minnu hux ħażin jeŭ le.

# Il Musica Sagra Maltija

Chif ġa għidna meta tchellimna m'il Melodramm Malti sa'l 1575, żmien il Gran Mastru La Cassiere, ma chienetx għada daħlet il musica f'il cnejjes tagħna, u dana nieħduh milli ħallielna mictub ii Visitatur Apostolicu Monsinjur Duzina li gie jżur il gżira tagħna f'dic is-sena. F'il festi collox chien ijsir b'il *Cant Ferm* jeŭ *Gregorjan*.

Dana id-Delegat-Apostolicu, li chien mibgħut haŭn m'il Papa Għirgor XIII, biex ijseŭŭi il ħatna taħŭid li chien haŭn fost il Cleru tagħna u biex ijsaħħaħ seŭŭa l-Inghisizzjon, ordna lill Canonici ta'l Catidral biex ijgibu xi surmast tajjeb minn Skallija jeŭ minn Napli u li jixtru l-istrumenti li jinħtieġu biex ijgħallmu il chierici jdokku ħalli f'il festi jcunu jistgħu jsemmgħu il musica f'il cnejjes u b'hecc jiġbdu actar il poplu.

Scond ma jifhmu bosta l-eŭŭel surmast ta'l musica li gie chien certu Fontana li għallem ħafna chierici jcantaŭ u jdokku u fl-1580 instemgħet f'il Catidral l-eŭŭel musica bl-instrumenti f'Malta.

Dana Fontana miet fl-1623 u l-isculari tiegħu bdeŭ ijgħallmu lill ħaddieħor u b'hecc f'kasir żmien id-dakk ta'l istrumenti ixxerred ma'l pajjis collu tejn dari ma contx tisma ħlief biss xi flejguta ta'l kasab jeŭ xi tanbur b'il gliegel.

Nafu ucoll li sa's-sena 1777 f'il processjoni chien ijsir il cant *falso-bordun* b'il vjolincell u b'il vjolini bħal ma għadu jsir sa'l-lum f'il Gimgħa il Cbira ŭara il *monument*.

Kuddiem il bandiera ta' kuddiem chienu f'il processjonijiet ucoll ijkiegħdu xi żeŭġ tnabar b'xi żeŭġ fifri jdokku; ħaġa li bakgħet nieżla s'al-lum f'il processjoni ta'l Gimgħa il Cbira u ta' Cristu Irxuxtat.

Fl-1777 il poplu beda jsaħħan rasu seŭŭa fuk il ħacma ta'l Gżira u beda jkis b'ix-xiber l-għamil ta'l Cavalieri u ta'l impjegati. De Rohan chien bniedem gŭejjef ħafna u għalhecc biex jidha lil poplu u jdaŭŭarlu moħħu band' oħra ried li il festi jsiru b'pompa cbira geŭŭa u barra billi chien jaf li il poplu ma jridx ħaġ'oħra ħlief *panem et circenses* (ħobż u festi). U għalhecc f'il processjoni f'loc il fifri u it-tnabar bdeŭ jieħdu sehem il taned biex il poplu actar jallegra ruħu barra m'il processjoni ta'l Gimgħa il Cbira li dejjem bakgħet devota u għallhecc fiha it-tnabar u il fifri bakgħu nieżlin sa'l-lum.

### Dun Michelang' Vella.

Billi il musica f'Malta daħħluha il Kassisin u billi l-eŭŭel ma bdiet tieħu ir-ruħ chien f'il festi u f'il cnejjes, ħadd ħlief kassis ma sata jibda juri ruħu seŭŭa fiha, u dana irnexxa tasseŭ tant li ismu baka nieżel sa'l-lum. Il fama tiegħu tant ixxerrdet li saħansitra ŭaslet f'Parigi fejn inchitbet biografija tiegħu f'il famus DICTIONAIRE HISTORIQUE DES MUSICIENS, ARTISTES ET AMATEURS, *morts ou vivans, qui se sont illustres en un partie quelconque de la musique et des arts qui sont relatifs*, ta'l Professuri A. Choron u F. Fayolle (Parigi 1810). Dina chienet ħaġa rari u cbira ħafna għal dac iż-żmien u b'ixxorti li saret għaliex chiecu fuk dana il compositur ta'l musica malti ma conna incunu nafu tista tgħid xejn, glaliex għad li f'Parigi ħabblu rashom biex ijfaħħru il Dun Michelanġ haŭn Malta ħadd ma kagħad iħabbel rasu li jniżżel fl-Istorja biss ismu: is-solita kima ta'l Maltin lejn in-nies cbar tagħhom u li cattrù i[illegible] pajjishom.

[illegible] tŭleled Bormla għal ħabta ta'l 1715. Fejn [illegible] afux iżda actarx chien mar jitharreġ Barra [illegible] adu zagħżugħ ħafna chien imchisser u im-

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta' imfaħħar

**Prof: ERNESTU RCONE**

f' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru opeazzjonijiet ta' chirugija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u a'l għajnejn, b'ħeffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cuħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard a'l ħaġra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, t'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa lemm fejn ijsib cull comdità u jonfok ftit.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zelgha, &cc.**




BRITANNIA

INJAM

**Aħmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irħas u m'l aħjar.**

BRITANNIA

## L=OSSIGENU

tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il isess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u na chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. d ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja ib chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

OSSIGENU PURISSIMU

età għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħieġa.

HAUN MALTA

għandu minnu ħlief

**Spizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

ll min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li nna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

UZAU " IR-RUBNIT, "

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

UZAU " IR-RUBNIT "

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-im-għax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentist Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem l għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's nien barranin, li għalihom hu tant imfaħ-ħar, ijsibu ŭara nofsinhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi haġ'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL: BY FORMOSA.


**In-"Nahla' tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**